MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2393/2002

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Carmel Borg f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjeta M & C Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm816.97), import ta' hdax-il kambjala [fol. 2 – 5], bl-imghax mid-data ta' kull skadenza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Louis Bianchi in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont ta' Lm218.97 ghadu dovut [ara nota a fol. 9].

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm218.97), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**